MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 792/2009

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**vs**

**Simona Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fil-25 ta’ Settembru, 2009 bis-sahha ta’ liema talbu sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u disa’ ewro u hamsin centezmu (€409.50c) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma’ servizz ta’ mobile phone bin-numru 79499467. Bl-ispejjez inkluz dak ta’ Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra illi fis-seduta tal-lum 22 ta' Jannar, 2010, l-konvenuta dehret personalment u irregistrat ammissjoni fil-konfront tat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal in vista ta' tali ammissjoni qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta Simona Portelli sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u disa' ewro u hamsin centezmu (€409.50c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------